Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 608/2004**

tal-31 ta' Marzu 2004

li jikkonċerna l-ittikkettjar ta' ikel u ingredjenti ta' l-ikel b'fitosteroli miżjuda, esteri fitosteroli, fitostanoli u/jew esteri fitostanoli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 97, 1.4.2004, p. 44)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2013 tal-25 ta' Lulju 2013	L 201	49	26.7.2013

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 608/2004

tal-31 ta' Marzu 2004

li jikkonċerna l-ittikkettjar ta' ikel u ingredjenti ta' l-ikel b'fitosteroli miżjuda, esteri fitosteroli, fitostanoli u/jew esteri fitostanoli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta'l-Istati Membri li jirrelataw ma "l-ittikkettjar, il-prezentazzjoni u r-reklamar ta'l-oġġetti tal-ikel ([1]), kif emendata bid-Direttiva 2003/89/KE ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 4(2) u Artikolu 6(7) tagħha,"

Billi:

(1) Il-fotosteroli, l-esteri fitosteroli, l-fitostanoli u l-esteri fitostanoli jnaqqsu l-livelli tal-kolesterol fis-serum iżda jistgħu jnaqqsu wkoll il-livelli tal-koroteni fis-serum tad-demm. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għalhekk ikkonsultaw lill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (SCF) dwar l-effetti tal-konsum ta' fotosteroli, l-esteri fitosteroli, l-fitostanoli u l-esteri fitostanoli minn sorsi differenti.

(2) Il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (SCF) fl-opinjoni tiegħu tiegħu dwar "Idea ġenerali dwar l-effetti għat-tul ta'l-inġestjoni ta' livelli elevati ta' fitosteroli minn sorsi differenti tad-dieta, b'attenzjoni partikolari għall-effetti fuq Koroten" tas-26 ta' Settembru 2002 konfermat il-ħtieġa li fotosteroli, l-esteri fitosteroli, il-fitostanoli u l-esteri fitostanoli jiġu tikkettjati kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/500/KE tal-24 ta' Lulju 2000 dwar l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' "xaħam isfar li jista' jiddellek b'esteri fitosteroli miżjuda" bħala ikel innovattiv jew ingredjent innovattiv ta' ikel taħt ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-SFC indika wkoll li ma kien hemm evidenza ta' benefiċċji addizzjonali f'inġestjoni ogħla minn 3 g/kuljum u li inġestjoni għolja tista' tinduċi effetti mhux mixtieqa u kien għalhekk prudenti li tiġi evitata inġestjoni ta' sterol minn pjanti li tisboq it-3 g/kuljum.

([1]) ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29.
([2]) ĠU L 308, tal-25.11.2003, p. 15.
([3]) ĠU L 200, tat-8.8.2000, p. 59.

▼B

(3) Prodotti li jkun fihom il-fitosteroli/fitostanoli għandhom għalhekk ikunu prezentati f'porzjonijiet waħdiena li jkun fihom jew massimu ta' 3 g jew massimu ta' 1 g fitosteroli/fitostanoli, kalkolat bħala fitosteroli/fitostanoli ħielsa. Fejn dan ma jkunx il-każ, għandu jkun hemm indikazzjoni ċara ta' x'jikkostitwixxi porzjon *standard* ta'l-ikel, espress fi g jew ml, u ta'l-ammont ta' fitosteroli/fitostanoli, kalkolat bħala fitosteroli/fitostanoli, li jkun jinsab f'dak il-porzjon. F'kull każ, il-komposizzjoni u l-ittikkettjar ta' prodotti għandhom ikunu tali li jippermettu lill-utenti li faċilment jirrestrinġu l-konsum tagħhom għal massimu ta' 3 g/kuljum ta' fitosteroli/fitostanoli permezz tal-użu jew ta' porzjoni wieħed li jkun fih massimu ta' 3 g, jew ta' tlett porzjonijiet li jkun fihom massimu ta' 1 g.

(4) Sabiex jiġi faċilitat il-fethim mill-konsumatur, jidher xieraq li tiġi sostitwita l-kelma fuq it-tikketta "fito" bil-kelma "pjanta".

(5) Deċiżjoni 2000/500/KE tippermetti ż-żieda ta' ċerti esteri fitosteroli ma' xaħam isfar li jiddellek. Hija tistipula l-ħtiġiet speċifiċi ta' l-ittikkettjar sabiex jiġi żgurat li l-prodott jasal għand il-grupp immirat tiegħu, jiġifieri persuni li jixtiequ jbaxxu l-livelli tagħhom ta' kolesterol fid-demm.

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma'l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu jgħodd għal ikel u ingredjenti ta'l-ikel b'fotosteroli, l-esteri fitosteroli, l-fitostanoli u l-esteri fitostanoli miżjuda.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta l-ittikkettjar, fotosteroli, l-esteri fitosteroli, l-fitostanoli u l-esteri fitostanoli għandhom ikunu msemmija rispettivament bl-espressjonijiet "sterol tal-pjanti", "esteri ta' sterol tal-pjanti", "stanol tal-pjanti" jew "esteri ta' stanol tal-pjanti" jew il-forom tagħhom fil-plural, skond kif xieraq.

Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet l-oħra tal-liġi tal-Komunità jew dik nazzjonali dwar l-ittikkettjar ta' oġġetti ta'l-ikel, l-ittikkettjar ta' oġġetti ta'l-ikel jew ingredjenti ta' ikel b'fotosteroli, l-esteri fitosteroli, l-fitostanoli u l-esteri fitostanoli miżjuda għandu jkun fihom dan li ġej:

1. fl-istess linja li tidher bħala l-isem li taħtu jinbiegħ il-prodott għandhom jidhru, b'mod ċar u li jkunu jistgħu jinqraw, il-kliem:

"bi steroli tal-pjanti/stanoli tal-pjanti miżjuda";

▼B

2. l-ammont ta' kontenut ta' fotosteroli, l-esteri fitosteroli, l-fitostanoli jew l-esteri fitostanoli miżjud espress bħala % jew bħala g ta' steroli/stanoli ħielsa tal-pjanti kull 100 g jew 100 ml tal-ikel) għandu jiġi dikjarat fuq il-lista tal-ingredjenti;

▼M1

3. għandu jkun hemm dikjarazzjoni li l-prodott mhuwiex maħsub għal persuni li ma jeħtiġux li jikkontrollaw l-livell ta' kolesterol fid-demm tagħhom;

▼B

4. għandu jkun hemm dikjarazzjoni li pazjenti fuq medikazzjoni ta' tbaxxija ta' kolesterol għandhom jikkunsmaw il-prodott biss taħt sorveljanza medika.

5. għandu jkun hemm dikjarazzjoni li tidher faċilment u li tkun ċara biex tinqara li l-prodott jista' ma jkunx adattat bħala nutriment għal nisa tqal u li jreddgħu u għal tfal taħt l-età ta' ħames snin;

6. għandu jiġi nkluż parir li l-prodott għandu jintuża bħala parti minn dieta bilanċjata u varjata, inkluż il-konsum regolari ta' frott u ħxejjex biex jgħinu jżommu l-livelli ta' kaotenodi;

7. fl-istess linja tal-vista bħal-dettal meħtieġ taħt il-punt 3 ta' hawn fuq, għandu jkun hemm dikjarazzjoni li l-konsum ta' aktar minn 3 g/kuljum ta' steroli mill-pjanti/stenoli mill-pjanti miżjuda għandu jiġi evitat;

8. għandu jkun hemm definizzjoni tal-porzjon ta' l-ikel jew l-ingredjent ta' l-ikel konċernat (preferibbilment fi g jew ml) b'dikjarazzjoni ta'l-ammont ta' sterol tal-pjanti/stanol tal-pjanti li jkun fih kull porzjon.

Artikolu 3

Ikel u ingredjenti ta' ikel b'esteri fitostanoli miżjuda diġà fis-suq tal-Komunità jew "xaħam isfar li jiddellek b'esteri tal-fitosterol miżjuda" li kienu awtorizzati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/500/KE prodotti wara sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta "Artikolu 2."

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.